

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 234

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

31 ta' Awwissu 2012

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2012/491/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar l-assenjar mill-ġdid ta' parti mir-riżorsi mhux allokat tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-koperazzjoni Intra-AKP** ..... 1

## REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 784/2012 tat-30 ta' Awwissu 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 biex tiġi elenkata pjattaforma tal-irkant li trid tiġi maħtura mill-Ġermanja u jikkoreġi l-Artikolu 59(7) tiegħu <sup>(1)</sup>** ..... 4

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 785/2012 tat-30 ta' Awwissu 2012 li jstabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 7

Prezz: EUR 3

(<sup>1</sup>) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Lulju 2012

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE  
dwar l-assenjar mill-ġdid ta' parti mir-riżorsi mhux allokat tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp  
(FEŻ) għall-koperazzjoni Intra-AKP**

(2012/491/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000<sup>(2)</sup>, ġie emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005<sup>(3)</sup> u ġie emendat għat-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010<sup>(4)</sup> ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE"). It-tieni emenda ġiet applikata provviżorjament mill-31 ta' Ottubru 2010.
- (2) L-Artikolu 15 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jistabbilixxi Kunsill tal-Ministri AKP-UE bis-setgħa li jieħu deċiżjonijiet b'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.

(3) B'konformità mal-paragrafu 6 tal-Anness 1b għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jista', f'isem il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE, jassenja mill-ġdid xi fondi bejn l-allokkazzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 ta' dak l-Anness, sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-ipprogrammar taħt waħda minn dawn l-allokkazzjonijiet.

(4) Il-bilanċ tal-fondi disponibbli bħala parti mill-pakkett tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-koperazzjoni Intra-AKP mhux biżżejjed biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-ipprogrammar li rriżultaw mir-Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu. Huwa meħtieġ li, mir-riżorsi mhux allokat tal-10 FEŻ, EUR 195 miljun jiġu ttrasferiti għall-pakkett maħsub għall-koperazzjoni Intra-AKP sabiex b'hekk ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati azzjonijiet ibbażati fuq il-prijoritajiet eżistenti kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati tal-AKP, inkluża rikostituzzjoni tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika li tammonta għal EUR 100 miljun.

(5) L-Unjoni għandha tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar l-assenjar mill-ġdid ta' parti mir-riżorsi mhux allokat tal-10 FEŻ għall-benefiċċju tal-allokkazzjoni maħsuba għall-koperazzjoni Intra-AKP,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar l-assenjar mill-ġdid ta' parti mir-riżorsi mhux allokat tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-koperazzjoni Intra-AKP għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Bidliet formali u minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni jistgħu jiġu maqbuli mingħajr il-bżonn li tiġi emendata din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 35 p. 399-404.

<sup>(2)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 35 p. 3-379.

<sup>(3)</sup> Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 168M, 21.6.2006, p. 33-70).

<sup>(4)</sup> Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

*Artikolu 2*

Sabiex jiġu appoġġati l-isforzi tal-Unjoni Afrikana u organizzazzjonijiet reġjonali biex jindirizzaw l-isfidi ta' sigurtà madwar l-Afrika, EUR 100 miljun mir-riallokazzjoni finanzjarja ta' EUR 195 miljun, għandhom jiġu rriservati għall-Fond għall-Paċi fl-Afrika.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

ABBOZZ

## DEĊIŻJONI Nru .../2012 TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE

ta' ...

## dwar l-assenjar mill-ġdid ta' parti mir-riżorsi mhux allokat tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-koperazzjoni Intra-AKP

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 <sup>(1)</sup>, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 <sup>(2)</sup>, u emendat għat-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 <sup>(3)</sup> ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE"), u partikolarment il-paragrafu 6 tal-Anness Ib ta' tiegħu,

Billi:

- (1) Il-fondi li baqa' mill-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) Intra-AKP mhumiex biżżejjed biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-ipprogrammar li rriżultaw mir-Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu Intra-AKP tal-10 FEŻ.
- (2) Sabiex tkun tista' tkompli tipprovdi rispons rapidu u effiċjenti għal sitwazzjonijiet ta' kunflitti vjolenti fl-Afrika, hemm bżonn ta' rikostituzzjoni tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika.
- (3) Sabiex ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati l-prijoritajiet tal-UE u l-AKP, l-ammont meħtieġ mir-riżorsi mhux allokat tal-10 FEŻ għandu jiġi ttrasferit għall-pakkett maħsub għall-koperazzjoni Intra-AKP.
- (4) Huwa xieraq li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jadotta din id-deċiżjoni mingħajr dewmien,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

**Koperazzjoni Intra-AKP**

Ammont ta' EUR 195 miljun għandu jiġi ttrasferit mir-riżorsi mhux allokat tal-10 FEŻ għall-pakkett maħsub għall-koperazzjoni Intra-AKP, skont l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikoli 11, 28, 29 u 30 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.

Artikolu 2

**Talba għall-finanzjament**

B'konformità mal-Artikolu 12b(a) tal-Anness IV tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jitlob lill-Kummissjoni tiffinanzja l-attivitajiet proposti mill-UE u mill-Grupp ta' Stati tal-AKP, rispettivament, u b'mod partikulari biex tipprovdi finanzjament addizzjonali għall-Fond għall-Paċi fl-Afrika ta' EUR 100 miljun, sabiex jiġu appoġġati l-isforzi tal-Unjoni Afrikana u organizzazzjonijiet reġjonali biex jindirizzaw l-isfidi ta' sigurtà madwar l-Afrika.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

Il-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 11 Volum 35 p. 3-379.

<sup>(2)</sup> Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f' Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 168M, 21.6.2006, p. 33-70).

<sup>(3)</sup> Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f' Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 784/2012

tat-30 ta' Awwissu 2012

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 biex tiġi elenkata pjattaforma tal-irkant li trid tiġi maħtura mill-Ġermanja u jikkoreġi l-Artikolu 59(7) tiegħu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 3d(3) u 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità<sup>(2)</sup>, jippermetti lill-Istati Membri li mhux qed jipparteċipaw fl-azzjoni konġunta kif provdut fl-Artikolu 26(1) u (2) biex jaħtru l-pjattaforma tal-irkant tagħhom għall-irkantar tas-sehem tagħhom tal-volum tal-kwoti koperti mill-Kapitoli II u III tad-Direttiva 2003/87/KE. Il-ħatra ta' pjattaformi tal-irkant bħal dawn hija soġġetta għall-elenkar tal-pjattaforma tal-irkant ikkonċernata fl-Anness III, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 30(5) ta' dak ir-Regolament.

(2) Skont l-Artikolu 30(4) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li ma tipparteċipax fl-azzjoni konġunta kif provdut fl-Artikolu 26(1) u (2) ta' dak ir-Regolament, u li taħtar pjattaforma tal-irkant tagħha.

(3) Fid-9 ta' Marzu 2012, il-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħha li taħtar European Energy Exchange ("EEX") bħala pjattaforma tal-irkant kif jissemma fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010.

(4) Fit-22 ta' Marzu 2012, il-Ġermanja ppreżentat in-notifika lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima. Barra minn hekk, il-Ġermanja pprovdiet aktar informazzjoni u kjarifika lill-Kummissjoni, li jissupplimentaw in-notifika skont dan.

(5) Il-ħatra proposta ta' EEX bħala pjattaforma tal-irkant kif jissemma fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 hija kompatibbli mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament u hija f'konformità mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.

(6) Skont il-punt (e) tal-Artikolu 35(3) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, pjattaforma tal-irkant ma għandhiex twassal għal distorsjoni fil-kuntratt li jaħtarha biex tingrana, mhux debitament, il-kompetittività tal-attivita- jiet l-oħra tagħha, partikolarment is-suq sekondarju li torganizza. Għalhekk, l-elenkar ta' EEX bħala pjattaforma tal-irkant għandu jsir bil-kundizzjoni li EEX tipprovdi l-għażla għall-kandidati offerenti sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-offerti fl-irkanti mingħajr il-ħtieġa li jsiru membri ta' jew parteċipanti fis-suq sekondarju organizzat minn EEX jew ta' kwalunkwe post tal-kummerċ ieħor operat minn EEX jew minn kwalunkwe parti terza.

(7) Skont il-punt (h) tal-Artikolu 35(3) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, meta tinhar pjattaforma tal-irkant, l-Istati Membri jridu jikkunsidraw il-limitu sa fejn miżuri adegwati huma pprovduti biex jirrikjedu li pjattaforma tal-irkant titrasferixxi l-assi kollha tanġibbli u intanġibbli meħtieġa għat-twettiq tal-irkantijiet minn suċċessur tal-pjattaforma tal-irkant. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu stabbiliti b'mod ċar u f'waqthom fi strateġija ta' ħruġ li għandha tiġi riveduta mis-sorveljatur tal-irkant. EEX għandha tiżviluppa strateġija ta' ħruġ bħal din u kemm jista' jkun tikkunsidra l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant dwarha.

(8) Pjattaforma tal-irkant hija meħtieġa sabiex tikseb l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant dwar il-metodoloġija għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(6) u l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010. Madankollu,

<sup>(1)</sup> ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

<sup>(2)</sup> ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1.

fejn is-sorveljatur tal-irkant ma jkunx ġie maħtur qabel il-bidu tal-irkant konċernat, il-pjattaforma tal-irkant għandha titħalla tipproċedi mingħajr ma tkun kisbet l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant.

- (9) Ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (10) Barra minn hekk, ċerti referenzi fl-Artikolu 59(7) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 għandhom jiġu kkoreġuti.
- (11) Sabiex ikunu żgurati rkanti prevedibbli u fwaqthom mill-pjattaforma tal-irkant li għandha tinharar mill-Ġermanja, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni urġenti.
- (12) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

#### Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1031/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 1031/2010 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3, għandu jiżdied il-punt li ġej:

“44. ‘strateġija ta’ ħruġ’ tfisser dokument wieħed jew iktar determinati skont il-kuntratti li jaħtru s-sorveljatur tal-irkant jew il-pjattaforma tal-irkant konċernati, li jstipula miżuri dettaljati pjanati biex jiżgura dawn li ġejjin:

- (a) it-trasferiment tal-assi kollha tanġibbli u intanġibbli meħtieġa għall-kontinwazzjoni mingħajr interruzzjoni tal-irkanti u l-operat bla xkiel tal-proċess tal-irkant minn suċċessur tal-pjattaforma tal-irkant;
- (b) il-provvediment lill-awtoritajiet kontraenti jew lis-sorveljatur tal-irkant, jew lit-tnejn, tal-informazzjoni kollha dwar il-proċess tal-irkant, li hija meħtieġa għall-proċedura tal-akkwist għall-ħatra tas-suċċessur tal-pjattaforma tal-irkant;
- (c) il-provvediment lill-awtoritajiet kontraenti, jew lis-sorveljatur tal-irkant jew lis-suċċessur tal-pjattaforma tal-irkant, jew kwalunkwe taħlita ta’ dawn, tal-assistenza teknika li tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti, jew lis-sorveljatur tal-irkant jew lis-suċċessur tal-pjattaforma tal-irkant, jew kwalunkwe taħlita ta’ dawn, biex jifmhu, jaċċessaw jew jużaw l-informazzjoni rilevanti pprovduta skont il-punti (a) u (b).”

- (2) L-Artikolu 7, il-paragrafu 7 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“7. Qabel jibda rkant, il-pjattaforma tal-irkant għandha tiddetermina l-metodoloġija għall-applikazzjoni tal-paragrafu 6, wara li tikkonsulta sorveljatur tal-irkant u tikseb l-opinjoni tiegħu dwar dan u tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 56.

Bejn żewġ perjodi ta’ offerti fuq l-istess pjattaforma tal-irkant, il-pjattaforma tal-irkant konċernata tista’ timmodifika l-metodoloġija wara li tikkonsulta sorveljatur tal-irkant, tikseb l-opinjoni tiegħu dwar dan, u tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali msemmija fl-Artikolu 56.

Fejn is-sorveljatur tal-irkant ma jkunx ġie maħtur mill-inqas xahar qabel il-bidu tal-irkant konċernat, il-pjattaforma tal-irkant tista’ tapplika l-metodoloġija intenzjonata mingħajr ma tkun kisbet l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant.

Il-pjattaforma tal-irkant konċernata għandha kemm jista’ jkun tikkunsidra l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant.”

- (3) Fl-Artikolu 8, paragrafu 3, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Fejn is-sorveljatur tal-irkant ikun għadu ma ġiex maħtur mill-inqas xahar qabel il-bidu tal-irkant konċernat, il-pjattaforma tal-irkant tista’ tipproċedi bil-bidla fiż-żmien maħsuba.”

- (4) Fl-Artikolu 25, il-paragrafu 6 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“6. Is-sorveljatur tal-irkant għandu jipprovidi opinjonijiet skont l-Artikolu 7(7) u 8(3), u kif ipprovdut fl-Anness III. L-opinjonijiet għandhom jitwasslu fi żmien raġonevoli.”

- (5) L-Anness III huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

#### Korrezzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010

Fl-Artikolu 59, il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

“7. Kliġenti tal-offerenti msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jressqu kwalunkwe ilment li jista’ jkollhom fir-rigward tal-konformità mar-regoli ta’ twettiq ipprovduti fil-paragrafi 2 u 3 lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 4 skont ir-regoli ta’ proċedura stabbiliti għall-ġestjoni ta’ lmenti bħala dawn fl-Istat Membru fejn il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 huma sorveljati.”

## Artikolu 3

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Awwissu 2012.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO

## ANNEX

Fl-Anness III għar-Regolament (UE) Nru 1031/2010, it-tabella għandha tinbidel b'dan li ġej:

<b>"Pjattaformi tal-irkant maħtura mill-Ġermanja"</b>		
1	Pjattaforma tal-irkant	European Energy Exchange AG (EEX)
	Terminu tal-ħatra	Mill-1 ta' Settembru 2012 l-aktar kmieni sa, tal-inqas, il-31 ta' Marzu 2013 u l-31 ta' Diċembru 2013 l-aktar tard, mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 30(5).
	Kundizzjonijiet	L-ammissjoni fl-irkanti ma għandhiex tkun dipendenti fuq li wieħed isir membru ta' jew parteċipant fis-suq sekondarju organizzat mill-EEX jew ta' kwalunkwe post tal-kummerċ ieħor operat mill-EEX jew minn kwalunkwe parti terza.
	Obbligi	Fi żmien xahrejn mill-1 ta' Settembru 2012, EEX għandha tissottometti l-istrateġija ta' ħruġ tagħha lill-Ġermanja biex issir konsultazzjoni tas-sorveljatur tal-irkant.  Fi żmien xahrejn minn meta tasal l-opinjoni tas-sorveljatur tal-irkant, EEX għandha tirrevedi l-istrateġija ta' ħruġ tagħha, filwaqt li kemm jista' jkun tikkunsidra dik l-opinjoni.  Il-Ġermanja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidliet sostantivi pre-lazzjonijiet kuntrattwali rilevanti mal-EEX."



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 785/2012****tat-30 ta' Awwissu 2012****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmiha fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Awwissu 2012.

*Għall-Kummissjoni,  
Fisem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	66,1
	ZZ	66,1
0707 00 05	MK	43,1
	TR	95,4
	ZZ	69,3
0709 93 10	TR	108,7
	ZZ	108,7
0805 50 10	AR	102,1
	CL	88,4
	TR	96,0
	UY	84,7
	ZA	93,5
	ZZ	92,9
0806 10 10	BA	54,5
	CL	206,9
	EG	197,6
	TR	147,1
	XS	91,2
	ZZ	139,5
0808 10 80	AR	114,4
	BR	75,4
	CL	110,7
	NZ	127,0
	US	153,8
	ZA	101,0
	ZZ	113,7
0808 30 90	CN	75,8
	TR	135,1
	ZA	103,8
	ZZ	104,9
0809 30	TR	162,0
	ZZ	162,0
0809 40 05	BA	60,8
	HR	73,9
	IL	73,7
	MK	67,5
	ZZ	69,0

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".



## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

